**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 221/2015JB

Numru 4

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**Kevin Scicluna (K.I.: 350684M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Marzu 2015, li jaqra' hekk:-

> Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' Attrici s-somma ta' hames mija u tlett euro u hmistax-il centezmu (€503.15) in konnessjoni ma' servizz ta' *internet* fuq 21663493 (AC40141930).
>
> Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra il-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u d-drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-30 ta' April 2015, eccepixxa: -

> Illi l-ammont reklamat mill-attrici ma huwiex dovut mill-konvenut, stante li ma kien hemm l-ebda kuntratt vigenti bejn il-partijiet;
>
> Illi l-konvenut irritorna kwalsiasi apparat proprjeta ta' l-attrici;
>
> Illi minghajr pregudizzju ghal premess, kwalsiasi ammont dovut lill-attrici, huwa *se mai* ammont inferjuri ghal dak reklamat fit-talba.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' l-provi tal-partijiet;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici qieghdha titlob il-hlas ta' somma rapprezentanti provvista ta' servizz ta' *internet*, liema talba hija kontestata;

Illi in sostenn tat-talba taghha, is-Socjeta Attrici ressqet lil Charmaine Wiffen li xehdet darbtejn, l-ewwel fis-7 ta' Ottubru 2015 (a fol 13) meta pprezentat ghadd ta' dokumenti u darb'ohra nhar id-19 ta' Ottubru 2015 (a fol 54) meta pprezentat zewg dokumenti. Fl-istess seduta xehed ukoll il-Konvenut u l-partijiet ghalqu l-provi;

Illi mix-xhieda ta' Charmaine Wiffen jirrizulta li skond is-Socjeta Attrici l-ammont mitlub ta' €503.15 ghadu dovut peress li minn meta giet prezentata l-kawza ma saru l-ebda hlasijiet da parti tal-Konvenut. Il-kontijiet (li kopja taghhom tinsab in atti a fol 15 – 51) kienu jinhargu kull xahrejn u jirreferu ghal kera li kienet tithallas ghas-servizz *de quo* fil-waqt li l-ahhar kont li nhareg fit-3 ta' Jannar 2013 jinkludi wkoll *miscellaneous charge* ta' €42.37 ghal "*non-returned*" jew "*damaged modem*". L-ammonti huma netti mill-VAT. Wiffen kompliet tghid li meta l-Konvenut iffirma l-kuntratt, huwa inghata *modem* 546 li t-tip tieghu kien jinghata b'xejn ma' dan it-tip ta' kuntratti bl-intiza li meta jigi terminat is-servizz, l-apparat kellu jigi ritornat lura lis-Socjeta Attrici. Ma jirrizultax li f'dan il-kaz sar mod iehor u fil-fatt, fil-mori tad-differiment, Wiffen kellha taghmel xi verifiki. Meta regghet xehdet, Wiffen stqarret li minn ricerka li ghamlet mal-*manager* responsabbli giet infurmata li l-*modem* li kien inghata lill-Konvenut ma jirrizultax li qatt gie ritornat. Mistoqsija mit-Tribunal x'inhi l-posizzjoni tal-*modem* peress li fuq id-dokument a fol 3 hemm notament fuq nett li jaqra' "*own modem*", Wiffen stqarret li mill-verifiki irrizulta li ma' servizz bhal dan li kellu l-Konvenut, is-Socjeta Attrici kienet dejjem taghti *modem* u dan sabiex tiggarantixxi servizz jahdem tajjeb anke meta l-klijent jghid li jkollu *modem* tieghu. Jidher li f'dan il-kaz il-Konvenut accetta *modem* u mill-kuntratt a fol 3 jirrizulta s-*serial number* tal-*modem* illi s-Socjeta Attrici kienet forniet lill-Konvenut;

In kontro-ezami, Wiffen stqarret li l-*manager* koncernat huwa Riccardo Farrugia u pprezentat l-*emails* li skambjat mieghu. Dwar dawn l-*emails* Wiffen qalet li d-differenza bejn is-sistema ta' *stock* addottata mis-Socjeta Attrici l-lum il-gurnata u s-sistema li kienet tintuza fiz-zmien in kwistjoni hi li llum il-gurnata s-*serial number* jigi dejjem imdahhal fis-sistema. Hija kompliet tghid li minn ricerka sija taht is-sistema l-gdida u sija taht is-sistema uzata precedentement ma jirrizultax li l-*modem* in kwistjoni qatt gie ritornat. Mistoqsija mit-Tribunal jekk meta jigi ritornat *modem* xi hadd jiffirmax ghalih jew le, qalet li s-Socjeta Attrici tirrilaxxja dik li tissejjah "*return of equipment sheet*". F'dan il-kaz ma jidhirx li nharget wahda;

Illi mill-banda 'l ohra, il-verzjoni tal-Konvenut hija li qabel ma ghamel il-kuntratt mertu tal-kawza huwa kellu servizz iehor mas-Socjeta Attrici. Huwa gharaf il-firma fuq il-kuntratt a fol 3 fil-waqt li kkonferma li kien ircieva *modem* minghand is-Socjeta Attrici. Jghid li l-*modem* kien hadu qabel ma ffirma l-kuntratt a fol 3 u cioe' mal-ewwel kuntratt li kien ghamel u dan peress li originarjament is-servizz kien provdut f'indirizz partikolari u wara madwar hames snin, il-Konvenut talab li s-servizz jigi rilokat ghal fond iehor. Ghalhekk il-Konvenut irreka ruhu ghand is-Socjeta Attrici u gabar taghrif sabiex ikun hemm trasferiment tas-servizz minn indirizz ghall-iehor. Da parti taghhom, ir-rapprezentanti tas-Socjeta Attrici iddirigewh

jiehu l-apparat fit-tieni indirizz imbaghad kellu javzahom sabiex imorru jinstallaw. Il-Konvenut hekk ghamel. Wara li s-sistema kienet installata, ghamel madwar xahrejn juza’ tali servizz. Jghid li l-post il-gdid u cjoe l-indirizz li jissemma’ fuq il-kuntratt a fol 3 huwa proprju l-indirizz ta’ ommu u jkompli jispjega li f’dak l-indirizz kien hemm servizz ta’ *internet* iehor provdut minn terzi. In vista ta’ dan, biex ma jkunx hemm zewg servizzi, il-Konvenut mar sabiex jirritorna l-*modem* lura ghand is-Socjeta Attrici gewwa l-*outlet* ta’ Birkirkara, ghad li ma jiftakarx meta ezatt sehh dan. Jghid li minbarra l-*modem*, ir-rapprezentanti talbuh ukoll irodd lura *compact disc* (CD) li kien hemm fl-*installation pack* tal-*modem*. Jghid li din is-CD ma setax isibha u baqa’ ma hadilhomx. Jghid li mar xi tliet darbiet jipprova jirranga u sahansitra kellem xi *managers* izda xorta wahda baqa’ ma rrangax. Jghid li l-apparat li kien ircieva minghand is-Socjeta Attrici kien jikkonsisti f’*modem*, plakka apposta tal-ADSL u CD. Huwa rritorna kollox salv ghas-CD u ma tawhx ricevuta peress li baqghu jinsistu li kellu jrodd lura s-CD u dan peress – li skond huma – il-*modem* ma setghux jatuh lil haddiehor minghajr is-CD. Il-Konvenut jghid li minkejja dan, huwa halla l-*modem* gewwa l-*outlet* tas-Socjeta Attrici f’Birkirkara izda baqa’ jircievi l-kontijiet u filli ma kellu jaghtihom xejn, filli gie kont ta’ €75 u dan ghaliex is-Socjeta Attrici ma riedetx taqta’ s-servizz sakemm l-apparat kollu jigi ritornat. Il-Konvenut ikompli jghid li dan kollu sehh madwar xahrejn wara li kien irrikorra ghand is-Socjeta Attrici biex ibiddel l-indirizz u cjoe fl-ewwel ftit gimghat tal-2010. Ikompli jghid il-Konvenut li wara Jannar tal-2010 (meta kellu l-iskambji mas-Socjeta Attrici) hu ma rcieva xejn minghand is-Socjeta Attrici sakemm imbaghad ircieva ittra legali u ghalhekk rega’ mar ikellimhom fil-waqt li cahad li kellu jhallas xi haga. Jghid li rapprezentanti tas-Socjeta Attrici kellhom jivverifikaw il-fatti u jkellmuh lura izda dan qatt ma sehh. Sussegwentement, u cjoe fis-27 ta’ Marzu 2015 gie notifikat bl-atti tal-kawza odjerna;

Illi mistoqsi in kontro-ezami ghalfejn wara li ghamel ic-*change of address* baqa’ jhallas ghal sitt xhur jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk qattx kiteb lis-Socjeta Attrici dwar il-problema li kellu wiegeb fin-negattiv u dan peress li kien kellimhom verbalment u kien qed jistenna risposta minghandhom. Mistoqsi jiccara kif grat l-installazzjoni tas-servizz (b’riferenza ghall-fatt li hu xehed li kellu jigi xi hadd biex jinstalla s-servizz) spjega li fil-fatt kien hu stess li installa s-servizz billi qabbad il-plakka;

Illi meta xehed in ri-ezami, il-Konvenut qal li hu ma kienx ihallas ma’ kull kont li kien jircievi izda meta kien ikun ghaddej b’xi *delivery* minn quddiem hanut tas-Socjeta Attrici, kien jieqaf ihallas il-kontijiet li jkollu. Mistoqsi x’pagamenti ghamel fuq dan il-kuntratt, il-Konvenut stqarr li hu baqa’ jhallas sakemm baqa’ juza’ s-servizz u waqaf ihallas hekk kif irritorna l-*modem*;

Illi gie verbalizzat li s-Socjeta' Attrici zzomm *records* tal-uzu ghal sena biss;

Illi fit-trattazzjoni tal-kaz, l-abbli difensur tas-Socjeta Attrici rrilevat li fil-waqt li fir-risposta tieghu, il-Konvenut jghid li qatt ma ffirma kuntratt mas-Socjeta Attrici, mill-provi irrizulta mod iehor. Innutat ukoll li gie ampjament ippruvat li kienu jinhargu l-kontijiet u li s-servizz inqata’ biss peress li l-Konvenut ma kienx qed ihallas. Min-naha taghha, l-abbli difensur tal-Konvenut irrilevat li l-kuntratt ma kienx ghal zmien u li l-Konvenut seta’ jitterminah meta jrid. Ziedet tghid li t-talba ma tirrizultax ippruvata;

Ikkunsidra;

Illi in succint jidher li permezz tal-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici qieghdha titlob il-hlas tas-somma ta' €503.15 in konnessjoni ma' servizz ta' *internet* provdut lill-Konvenut. Ghad li fir-risposta tieghu l-Konvenut jghid li ma kien hemm l-ebda kuntratt viggenti bejn il-partijiet, waqt is-smiegh huwa kkonferma li hu kien ikkuntratta mas-Socjeta Attrici ghall-provvista ta' tali servizz izda imbaghad kien mar sabiex iwaqqaf is-servizz gewwa hanut tas-Socjeta Attrici u irritorna l-*modem* izda ma kienx f'qaghda li jirritorna wkoll CD li kienet inghatatlu mis-Socjeta Attrici mal-apparat u fil-waqt li hu ma baqax juza s-servizz, is-Socjeta Attrici ma ghalqitx il-kont u l-kont baqa' jitqies attiv sakemm fl-ahhar is-Socjeta Attrici iddecidiet li twaqqaf is-servizz peress li kontijiet ma kienux qeghdin jithallsu. Jghid li sakemm kien juza s-servizz, dejjem hallas il-kontijiet;

Ikkunsidra;

Illi f'ghajnejn it-Tribunal l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-Konvenut jistghu jigu trattati flimkien billi huma eccezzjonijiet fil-mertu li meta taghsarhom johrog li d-difiza tal-Konvenut hi fis-sens li l-ammont reklamat mhuwiex dovut stante li r-relazzjoni kuntrattwali kienet intemmet fil-waqt li t-tielet u cjoe l-ahhar eccezzjoni hija subordinata ghall-ewwel tnejn u permezz taghha l-Konvenut qieghed ifittex it-temperament tal-ammont reklamat f'kaz li jinstab li l-ewwel zewg eccezzjoni ma jregux;

Illi ghalhekk it-Tribunal se jghaddi sabiex iqis il-pozizzjonijiet opposti li ghandu quddiemu fejn minn banda is-Socjeta Attrici qieghdha tikkontendi li l-kuntratt a fol 3 baqa' viggenti sakemm din ghazlet li twaqqaf is-servizz minhabba n-nuqqas ta' hlas u mill-banda 'l ohra fejn il-Konvenut qieghed jghid li s-servizz waqaf juzah xi zmien wara li dan gie rilokat ghall-indirizz li hemm indikat fil-kuntratt appena citat;

Illi qabel xejn, it-Tribunal qies il-kuntratt viggenti bejn il-Partijiet (a fol 3) u senjatament it-termini u l-kundizzjonijiet ghall-provvista tas-servizz tal-*internet* tas-Socjeta Attrici (a fol 4) partikolarment klawsola 9.2 li tipprovdi kif gej:

> Should the Customer decide to terminate the Agreement prior to the expiry of the Initial Term or the Extended Term, as applicable, he/she must give GO fifteen (15) days prior written notice thereof. Such notice will only be valid if it is made in writing and posted to GO Sales and Customer Care Representatives at PO Box 40, Marsa MRS 1001 or personally delivered to GO Sales and Customer Care Representatives at any of the GO outlets. Such notice will be deemed to have been made on the date on which it is received at GO's offices or the date on which the Customer personally delivers it. Should the Customer terminate the Agreement in this manner, he/she shall be bound to pay GO the balance of all the charges for the Service until the date on which the Customer returns to GO the Equipment provided. The Customer shall not be entitled to reimbursement of any charges whatsoever (including but not limited to any penalty charges and/or the connection fee). If the Customer terminates this Agreement before the Initial Term, he/she will be charged for any free Equipment provided to him/her, and suffer any penalty charges as contemplated in the Initial Term contract.

Illi imbaghad il-klawsola 9.3 tipprovdi hekk:

> Upon termination:
>
> a. The Customer must settle all outstanding charges listed on his/her account;
>
> b. The Customer must, within the fifteen (15) days notice period indicated in Condition 9.2 above return all Equipment provided to the Customer in order to enable him/her to use the Service. Failure to return such Equipment within the said 15 days shall entitle GO to charge the Customer a recovery cost and/or a penalty charge for the Equipment as indicated in the Schedule of Charges.

c. GO shall stop providing the Service and shall deactivate all the Equipment on the date on which it receives the Equipment;

d. Charges for the Service shall only cease from the date on which, in accordance with this Condition 9, GO receives from the Customer (i) a notice of his/her termination of the Service and (ii) the Equipment. Provided that if the Customer returns the Equipment to GO in a damaged state, GO shall be entitled to charge a penalty to the Customer.

e. Upon termination of the Service, the Customer has a right to:
   (i) the forwarding of any e-mail received on the @go.net.mt e-mail address, free of charge, for a period of twelve (12) months, and
   (ii) an automated reply to any electronic mail received on the @go.net.mt e-mail address informing the sender of the forwarding service referred to above and the new e-mail address. Should the customer wish to make use of this service, he/ she should request to GO in writing by not later than the date of terminating the Service.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta car li l-Konvenut qatt ma ta l-avviz mehtieg skond il-klawsola 9.2 u dan ghaliex, fi kliemu, kien kellimhom verbalment u kien qed jistenna risposta minghandhom. Bl-istess mod, qatt ma rritorna l-apparat kollu li kien ircieva minghand is-Socjeta Attrici;

Illi fic-cirkostanzi, l-ehfef triq hija li a bazi ta' dan it-Tribunal jghaddi sabiex jikkundanna lill-Konvenut ghall-hlas tas-somma reklamata izda fil-fehma tat-Tribunal dan ma jwassalx ghal decizjoni gusta tenut kont tal-provi li jinsabu in atti;

Illi ghalhekk it-Tribunal se jghaddi sabiex jaghmel xi cenni dwar il-ligi *in materia* ta' apprezzament ta' provi;

Illi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Tonna *vs* Philip Azzopardi" deciza fit-12 ta' April, 2007 irriteniet li fis-sistema taghna, ir-regoli l-aktar prevalenti dwar il-provi jidher li huma dawn:

> Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*)[1].
>
> Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[2].
>
> Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

Illi mhemmx dubju li l-valutazzjoni tal-provi tmiss lill-gudikant li ghandu d-diskrezzjoni li japprezza r-rizultanzi probatorji u li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli. Naturalment dak l-apprezzament irid jinghata f'sentenza li ghandu jkollha motivazzjoni ragunata li taghti lok lill-partijiet sabiex jifhmu kif il-gudikant ikun wasal ghall-konkluzjoni tieghu. Huwa ben risaput li f'kaz ta' appell, il-qorti ta' revizjoni m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti fl-apprezzament

---

[1] Ara Francesca Mallia *vs* Salvatore Guillaumier deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Koll. XLVI.i.5);

[2] Ara Joseph Zammit *vs* Joseph Hili deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Koll. XXXVII.i.577);

li dan ikun ghamel tal-provi migbura u "*normalment tkun inklinata li tiddisturba tali apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun konvinta li huwa b'dan il-mod biss, li tkun tista' tikkoregi xi ingustizzja manifesta*".[3]

Illi ghalhekk jidher li l-valutazzjoni tal-provi da parti tal-qorti li quddiemha jkunu ngiebu, fis-sistema taghna tinghata piz konsiderevoli. Dan japplika anke ghall-apprezzament tal-provi da parti ta' dan it-Tribunal. Fis-sentenza fl-ismijiet "Emanuel Borg *et vs* Anna Clews *et*" deciza nhar is-27 ta' Frar 2009 fuq appell minn decizjoni ta' dan it-Tribunal, il-Qorti tal-Appell qalet:

> Bla dubju, l-apprezzament tal-fatti hu rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant adit mill-mertu u, di regola, indipendentement mix-xorta tat-tribunal li quddiemu l-kawza tkun trattata, dak l-istess apprezzament ma jigix disturbat sakemm ma jkunx jirrizulta xi motiv gravi biex Qorti ta' revizjoni twarrab dak l-apprezzament u tissostitwih b'dak taghha. Dan hu maggorment hekk fil-kaz ta' decizjonijiet tat-Tribunal specjali taht il-Kapitolu 380 ghal raguni illi l-ligi lanqas biss takkorda appell lil din il-Qorti fuq apprezzament tal-fatti. Naturalment, fil-limiti strettissimi ghal liema hu akkonsentit appell, jinkombi xorta wahda fuq dil-Qorti ta' l-Appell illi tezamina jekk id-decizjoni impunjata tikkontjenix strapp ghal-ligi jew, ghall-principju ta' l-ekwita`, in kwantu strument processwali determinat mil-legislatur, ex-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu imsemmi, ghal mod kif jigu decizi l-vertenzi quddiem it-Tribunal.

Illi dan igibna sabiex inqisu d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) liema ligi tipprovdi espressament li dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi l-kwistjonijiet li jigu quddiemu principalment a bazi tal-ekwita. Naturalment l-ekwita mhijiex qieghdha hemm sabiex tissostitwixxi l-ligi izda ghandha tiggwida lill-gudikant li jasal ghal decizjoni tenut kont in-natura tal-kawzi li jigu hawn trattati u ghalhekk it-Tribunal hu dejjem mistenni li jippropendi d-dritt ekwitattiv;[4]

Ikkunsidra;

Illi fil-kaz odjern, is-Socjeta Attrici qed taccenna fuq il-fatt li l-Konvenut ma ta l-ebda avviz bil-miktub skond it-termini u kundizzjonijiet tas-servizz – fatt li mhux talli mhuwiex kontestat talli hu konfermat mill-Konvenut. Dan iwassal lit-Tribunal sabiex iqis x'portata ghandu jaghti lill-istess termini u kundizzjonijiet tenut kont tal-fatt li fir-rigward ta' tali pattijiet, il-ligi iddipartixxiet mill-principju tal-*pacta sunt servanda* u bl-Art. 44 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta) pprojbixxiet l-uzu ta' espressjonijiet mhux ġusti f'kuntratti li jsiru minn kummercjanti ma' konsumaturi, bhalma jidher li hu l-kaz odjern;

Illi dwar dan il-punt esprimiet ruhha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "Raymond Camilleri *et vs* Touring Mediterraneo Ltd" deciza fis-6 ta' Ottubru 2010, fejn dwar l-applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda* u l-kundizzjonijiet *standard* f'kuntratti inghad hekk:

> Huwa konvenjenti li jinghad illi… l-legislatur Malti haseb taht l-inkalzar tad-Dritt Komunitarju, ghar-ri-valutazzjoni ta' l-imsemmi principju *pacta sunt servanda* bl-introduzzjoni ta' normi specjali ghat-tutela tal-konsumatur, in partikolari fejn si tratta ta' kondizzjonijiet *standard* prefissati mill-kummercjant u li fihom il-konsumatur ma jkunx ippartecipa ghall-formazzjoni jew imposizzjoni taghhom. *Multo magis*, imbaghad, fejn dawk l-istess kondizzjonijiet ma jkunux kontro-bilancjati kif

---

[3] Nazzareno Spiteri *et vs* Karl Busuttil *et* deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015
[4] Ara Carmel Borg *pro et noe vs* Hussein Ismael Dgheem deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2006

> imiss permezz ta' klawsoli favur il-konsumatur, u jkun jidher apparenti illi jezisti skwilibriju avvers ghall-konsumatur fil-kontrattazjoni mal-kummercjant. Huwa ghal din ir-raguni illi l-legislatur haseb bl-Att ghall-Affarijiet tal-Konsumatur ghall-protezzjoni xierqa fejn fil-kuntratt ikunu jezistu espressjonijiet mhux gusti jew, pjuttost, aktar oneruzi ghall-konsumatur. F'kazijiet bhal dawn il-principju surreferit *pacta sunt servanda* ghandu l-limitazzjoni tieghu. Tant hu hekk illi l-istess legislatur ipprovda li d-determinazzjoni ta' kull kwestjoni jew tilwima ghandha tigi evalwata u deciza skond "kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`" [Artikolu 21 (1), Kapitolu 378] jew, fil-kaz tat-Tribunal specjali adit,[5] "principalment skond l-ekwita`" [para. 7 (1), Kapitolu 380]. Mhux ta' b'xejn illi s-sentenza, issa attakkata bl-appell, tirrikollega ruhha sija ghal-ligi tal-konsumatur, sija ghal-ligi li kkrejat it-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

Ikkunsidra;

Illi l-provi mressqa mis-Socjeta Attrici, ma jwasslux lit-Tribunal ghal konvinċiment li l-ammont reklamat minghand il-Konvenut huwa tassew dovut u dan ghaliex mill-assjem tal-provi prodotti mis-Socjeta Attrici, jirrizulta illi:

(i) bejn il-Partijiet kien hemm kuntratt ghall-provvista tas-servizz tal-*internet* (a fol 3);
(ii) inhargu serje ta' kontijiet u dawk li hemm kwistjoni dwarhom (a fol 15 sa 51) ikopru l-perjodu minn Settembru 2010 sa Dicembru 2012;
(iii) ma jistax jigi ppruvat jekk effettivament sarx uzu jew le tas-servizz peress li jinzammu *records* tal-ahhar sena biss;
(iv) l-apparat li kien inghata lill-Konvenut ma jidhirx li gie ritornat;

Mill-banda 'l ohra mix-xhieda tal-Konvenut hareg li hu irreka ruhu fl-*outlet* tas-Socjeta Attrici sabiex itemm is-servizz u wera li kien fl-impossibilita li jirritorna s-CD li kienet taghmel mal-apparat. Jghid li baqa' jircievi l-kontijiet billi s-Socjeta Attrici ma riedetx taqta' s-servizz sakemm l-apparat kollu jigi ritornat. Hu jghid madankollu li ma setax juza s-servizz peress li l-*modem* kien irritornah;

Illi huwa sinifikattiv dak li ntqal fit-trattazzjoni mill-abbli difensur tas-Socjeta Attrici li s-servizz inqata' biss peress li l-Konvenut ma kienx qed ihallas il-kontijiet li kienu qeghdin jinhargu;

Illi l-verita hi li gjaladarba l-Konvenut ried jittermina s-servizz, dan ma kellux jibqa' marbut mas-Socjeta Attrici minkejja li ma setax jirritorna s-CD aktar u aktar meta tqis li l-kuntratt kien jipprovdi ghal terminazzjoni u ghal konsegwenzi f'kaz li dan l-apparat ma jigix ritornat. Dak li qed tghid is-Socjeta Attrici iwassal ghal sitwazzjoni assurda fejn il-kontijiet jibqghu jinhargu sakemm il-Konvenut jottempora ruhu mal-obbligu li jirritorna l-apparat komplut biex ikun jista' jittermina l-kuntratt jew sakemm is-Socjeta Attrici jidhrilha li ghandha tieqaf tibghat il-kontijiet (kif gara fil-kaz odjern). Dan certament ma jwassalx ghal sitwazzjoni gusta partikolarment fejn il-konsumatur jkun f'qaghda impossibbli li jaghmel dan. Certament illi l-klawsola li tobbliga lill-Konvenut jirritorna xi haga li mhuwiex f'qaghda li jirritorna sabiex ikun hemm terminazzjoni, f'cirkostanzi bhal dawk odjerni ma tistax titqies bhala wahda gusta. Fil-fatt, il-klawsola in kwistjoni l-ewwel tghidlek "*Failure to return such Equipment within the said 15 days shall entitle GO to charge the Customer a recovery cost and/or a penalty charge for the Equipment as indicated in the Schedule of Charges*" izda imbaghad tkompli tipprovdi li "*GO shall stop providing the Service and shall deactivate all the Equipment on the date on which it receives the Equipment*";

[5] b'riferenza ghal dan it-Tribunal

Illi t-Tribunal huwa konvint li l-Konvenut ma baqax juza s-servizz fil-perjodu li ghalih jirreferu l-kontijiet in dizanima ghad li gie ampjament ippruvat li l-apparat qatt ma gie ritornat kompletament u li ma ttiehdu ebda passi da parti tal-Konvenut meta dan baqa' jircievi l-kontijiet da parti tas-Socjeta Attrici, hlief li kellem lir-rapprezentanti fl-*outlet* taghha;

Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li sabiex din il-vertenza tigi rizolta b'mod ekwu, fid-dawl tar-rizultanzi legali u fattwali li t-Tribunal ghandu quddiemu, il-Konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas biss l-ispejjez tal-apparat li qatt ma gie interament ritornat oltre ghall-ispejjez tal-odjerna kawza u dan ghaliex it-Tribunal jidhirlu li din il-kawza setghet tigi evitata kieku meta kien qed jircievi l-kontijiet, minflok raqad fuqhom, il-Konvenut avvicina lis-Socjeta Attrici – anke permezz ta' avukat – sabiex jitratta l-kwistjoni li kellu u jsolviha darba ghal dejjem;

Illi ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-Konvenut se jigu michuda u dan ghaliex jirrizulta car li kien hemm kuntratt u li l-apparat baqa' qatt ma gie ritornat kompletament;

Illi fejn imiss mat-tielet eccezzjoni sollevata mill-Konvenut, it-Tribunal iqis li din ghandha tigi akkolta u l-Konvenut jigi kkundannat ihallas biss l-ispejjez tal-apparat li qatt ma gie interament ritornat;

Illi skond ma jirrizulta mid-dokument a fol 51, l-ispiza tal-apparat hija ta' €42.37 (li kif xehdet Charmaine Wiffen din is-somma hija netta mill-VAT), oltre ghall-VAT li tammonta ghal €7.63 li flimkien jaghmlu hamsin euro (€50);

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi din il-kawza billi, fil-waqt li jichad l-ewwel zewg eċċezzjonijiet tal-Konvenut, qieghed jilqa' t-tielet eccezzjoni tal-Konvenut u konsegwentement jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' hamsin euro (€50) bl-imghax mid-data tas-sentenza.  Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*